MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1237/1994/1

**Herbert Naudi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Active Enterprises Company Limited.**

**vs.**

**Michael Bianchi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Investments Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Settembru 1994 a fol. 1 tal-process u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Joseph Magri fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' attrici obbligat ruhha li tipprovdi fuq inkarigu u interess tas-socjeta' konvenuta servizzi varji kosistententi

f'attivitajiet promozzjonali, fosthom tizjin tas-sigar tad-dawl, reklamar, fl-istabelimenti kummercjali taghha, fi zmien il-festi tal-Milied 1993 – kif dettajatament indikati fid-Dok. "A" anness.

Illi s-socjeta' konvenuta hallset l-maggjor parti ta' dawn il-partiti, izda qed tirrifjuta li thallas il-bilanc ta' Lm853.50 (tmien mija u tlieta u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu) – Dok. "B" anness, dovuti ghall-kiri ta' *father christmas*, supervizzjoni fis-*Supermarkets* u d-dritt ghall-organizzazzjoni u provista tal-istess servizzi.

Illi s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti *nonostante* ittra ufficjali tal-20 ta' Mejju 1994.

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma fuq imsemmija ta' Lm853.50 (tmien mija u tlieta u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu) bilanc minn somma akbar rappresentanti prezz ta' spejjez u drittijiet in konnessjoni ma' attivitajiet promozzjonali, reklami u fornituri ohra fi zmien il-festi tal-Milied tal-1993 li saru fuq inikarigu u interess tas-socjeta' konvenuta kif fuq intqal.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Mejju 1994 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Mejju 1994 kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Herbert Naudi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process u d-Dokument "A" - kont tal-attivitajiet kollha u Dok. "B" – kont tal-bilanc dovut datat 29 ta' Dicembru 1993.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Joseph Magri ghas-seduta tat-23 ta’ Jannar 1995.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta datata 14 ta’ Dicembru 1994 a fol. 11 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-ammont mitlub fic-citazzjoni mhux dovut *stante* li l-attur *noe* ma pprestax is-servizz tieghu skond kif miftiehem u lanqas skond il-livell mistenni minn organizzatur ta’ attivitajiet festivi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ Michael Bianchi ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol 11 u 12 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk diversament presjeduta tat-23 ta’ Jannar 1995 fejn gie nominat Dr. Raymond Zammit bhala Perit Legali ghas-spejjez provizzorjament ta’ l-attur u l-kawza giet differita ghar-rapport ghad-29 ta’ Marzu 1995; tad-29 ta’ Marzu 1995; 6 ta’ Ottubru 1995; 19 ta’ Jannar 1996; u tal-5 ta’ Marzu 1996.

Rat il-verbal tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tat-3 ta’ Ottubru 1996 fejn gie nominat Dr. Leslie Cuschieri bhala Assistent Gudizzjarju biex jghin fil-gbir tal-provi; 14 ta’ Frar 1997, 13 ta’ Gunju 1997, 3 ta’ Dicembru 1997, 11 ta’ Mejju 1998, 14 ta’ Ottubru 1998, u 21 ta’ April 1999.

Rat il-verbal tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna datat 21 ta’ April 1999, 2 ta’ Lulju 1999, 19 ta’ Novembru 1999, l-1 ta’ Marzu 2000, 30 ta’ Gunju 2000, 4 ta’ Ottubru 2000, 10 ta’ Jannar 2001, 8 ta’ Mejju 2001, 6 ta’ Novembru 2001 u l-avviz datat 12 ta’ Marzu 2002 fejn din il-kawza giet differita sabiex tkompli tinstema’ minn din

il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasquale – fol. 34.

Rat il-verbal tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasquale datati 12 ta’ Marzu 2002, 27 ta’ Mejju 2002, u avviz datat 23 ta’ Ottubru 2002 fejn din il-kawza giet differita sabiex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri – fol. 39.

Rat l-avviz datat 4 ta’ Dicembru 2002 minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri a fol. 40 tal-process fejn il-kawza giet differita ghad-9 ta’ Jannar 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datati 21 ta’ Frar 2003, 25 ta’ Marzu 2003, 20 ta’ Mejju 2003, 2 ta’ Lulju 2003, 19 ta’ Novembru 2003, 4 ta’ Frar 2004, 22 ta’ April 2004, 5 ta’ Ottubru 2004, 7 ta’ Dicembru 2004 fejn il-kawza giet differita ghall-hlas u konferma tar-rapport; 26 ta’Jannar 2005, 18 ta’ Frar 2005, 6 ta’ April 2005, 11 ta’ Mejju 2005, 23 ta’ Gunju 2005 fejn gie verbalizzat li ma deher hadd izda l-Qorti giet infurmata mir-Registratur li d-drittijiet tal-perit legali thallsu; tat-28 ta’ Gunju 2005 fejn il-perit legali halef ir-rapport u l-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport; tas-16 ta’ Novembru 2005 fejn il-kawza giet differita sabiex Dr. Katia Mercieca ghall-konvenut tipprezenta nota ta’ kritika tar-rapport.

Rat n-nota tal-konvenut *nomine* datata 25 ta’ Settembru 2003 fejn gie esebit affidavit ta’ Michael J. Bianchi u dokumenti minn fol. 47 sa fol. 48 tal-process

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Raymond Zammit pprezentat u mahluf fit-28 ta’ Gunju 2005 minn fol. 63 sa fol. 69 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-istess Perit Legali datati 22 ta’ Frar 1995, 16 ta’ Marzu 1995 u 30 ta’ Novembru 1998 fejn xehed l-attur **Herbert Naudi**, 29 ta’ Marzu 1995

fejn xehed il-konvenut **Michael J. Bianchi**, 23 ta' Novembru 1995, 15 ta' Jannar 1999, 24 ta' Frar 1999, 19 ta' April 1999, 9 ta' Gunju 1999, 6 ta' Lulju 1999, 24 ta' Jannar 2002, 8 ta' Marzu 2002, 9 ta' Mejju 2002, 16 ta' Gunju 2003, 19 ta' Settembru 2003 fejn ma sar xejn; tal-25 ta' Marzu 1999 fejn xehed **David Micallef St. John** prodott mill-atturi.

Rat id-dokumenti esebeti minn fol. 100 sa fol. 105 tal-process u l-avviz tas-seduti mill-Perit Legali minn fol. 106 sa fol. 118 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti kif presjeduta datat 24 ta' Jannar 2006 fejn ma deher hadd u l-kawza giet differita *sine die.*
Rat ir-rikors ta' l-attur *nomine* datat 3 ta' April 2006 sabiex il-kawza tigi riappuntata u d-digriet ta' din il-Qorti datat 5 ta' April 2006 fejn il-kawza giet ri-appunatata ghall-finali trattazzjoni ghas-17 ta' Mejju 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Mejju 2006 fejn deher d-difensur tas-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta u d-difensur taghha baqghu ma dehrux u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2006.

Rat ix-xhieda kollha prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f'din il-kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm853.50 (tmien mija u tlieta u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu) bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' spejjez u drittijiet in konnessjoni ma' attivitajiet promozzjonali, reklami u fornituri ohra fi zmien il-festi tal-Milied tal-1993 li saru fuq inikarigu u interess tas-socjeta' konvenuta kif fuq intqal.

Illi s-socjeta' konvenuta qed tghid li ghalkemm hallset il-parti kbira tal-kont hija ma ghandhiex thallas l-ammont bilancjali mertu tal-kawza odjerna u dan peress li skond hija s-socjeta' attrici ma pprestatatx is-servizzi taghha skond kif miftiehm u lanqas f'dak li hija sejhet bhala l-livell mistenni minn organizzatur ta' attivitajiet festivi. Fid-dikjarazzjoni tieghu l-konvenut *nomine* jghid li *"l-livell ta' organizzazzjoni li tana l-attur noe ma kienx dak miftiehem u lanqas skond is-sengha ta' organizzatur ta' attivitajiet festivi. Infatti, paragonat ma' snin precedenti u tenut kont tal-fatt li ahna konna qabbadna lill-attur nomine bl-intiza li dan jaghtina servizz impekkabbli li jixtraq lill-"image' tal-hanut taghna, is-servizz tal-konvenut noe ma kienx accettabbli. 4. Ahna konna informajna lill-konvenut bl-ilmenti taghna anke bil-miktub. Ghalhekk ahna ma hallasniex il-bilanc llum pretiz".*

Illi l-ammont bilancjali pretiz mis-socjeta' attrici jinsab indikat f'Dok. "B" esebit mac-citazzjoni attrici u dan jindika li l-ammont huwa dovut ghall-hlas ta' *Father Christmas* fl-ammont ta' Lm250, l-ammont ta' Lm130.50 ghall-supervizjoni *"at the centre and supermarket"* u l-ammont ulterjuri ta' Lm500 ghal dak li jissejjah bhala *"organisation (including Dolphin Supermarkets)"*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-lanjanzi tas-socjeta' konvenuta kienu jikkonsistu fuq l-*item* msejjha *"lighting of trees at centre"* ghaliex gie allegat li din ma kellhiex tkun bid-dawl izda kellu jkollha rigali tahtha; apparti li din l-allegazzjoni ma gietx ippruvata jirrizulta wkoll pero' li din il-lanjanza kienet tirreferi ghall-kont immarkat bhala Dok. "D" li fil-fatt gie mhallas mis-socjeta' konvenuta stess kif l-istess perit legali rrelata; ilment iehor kien jirrigwarda li l-*leaflet* provdut ghalkemm gie deskritt bhala sabih ma kellux fuqu l-indirizz tal-konvenut jew tas-socjeta' konvenuta sabiex in-nies ikunu jafu fejn huwa c-centru – lamentela li ma ghandha x'taqsam xejn mal-mertu ta' din il-kawza konness mad-Dokument "B" – u fil-fatt din il-lanjanza kienet ukoll konnessa mad-Dokument "D" – li gie fil-fatt imhallas.

Illi allegazzjonijiet ohra li saru kienu li x-xoghol kien fih hafna tibdiliet u dewmien, izda dan bl-ebda mod ma gie ppruvat – u jinsab kontradett mix-xhieda tas-socjeta' attrici nkluza dik ta' David Micallef St. John, u jidher li ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta ma ppruvatx l-allegazzjonijiet minnha vantati u dan meta l-oneru ta' prova kien fuqhom; fil-fatt l-istess perit legali wkoll ma accettax din il-lanjanza wkoll ghaliex jirrizulta li skond is-socjeta' konvenuta kien hemm zewg persuni, certu George Attard, *manager* tal-post, u Joe Degabriele, li kien jahdem fuq il-post indikat, u l-istess socjeta' konvenuta ma resqet l-ebda wiehed minnhom sabiex jixhed dwar l-istess. Fil-fatt dwar dan l-istess perit legali sostna:-

*"Il-konvenut jindika li George Attard (manager tal-post) u Joe Degabriele li jahdmu hemm ghandhom ikunu jafu bl-ezatt dwar din il-lanjanza pero' dawn qatt ma ngabu jixhdu".*

Illi l-istess konkluzjonijiet intlahqu mill-perit legali kemm dwar l-ilment tas-socjeta' konvenuta dwar il-hin li gie indikat fl-avviz u dwar dak li huwa indika bhala diffikulta' fil-*P.A. system* tant li gie allegat li kellhom jinbiddlu l-pozizzjoni tal-*ispeaker* u l-*wiring*, u dan apparti wkoll li dwar l-ahhar ilment l-istess perit legali kkonkluda wkoll li *"dan ukoll ma jiggustifikax id-decizjoni tal-konvenut li ma jhallasx".*

Illi fil-fatt il-perit legali b'mod mill-iktar car ikkonkluda b'dan il-mod ir-relazzjoni tieghu:-

*"Mill-provi kollha prodotti ma tirrizultax gustifikata d-decizjoni li l-konvenut ha li ma jhallasx il-kont prezentat mac-citazzjoni – hafna mill-items li dwarhom illanja l-konvenut qieghdin fil-kont l-iehor li fil-fatt gia gie mhallas. Intant il-konvenut ma ressaq ebda prova konklussiva fir-rigward ta' dak allegat minnu stante li l-persuni li ghan-nom tieghu kienu qieghdin jiehdu hsieb l-istabbilimenti ma ingabux bhala prova –u dan minkejja li l-konvenut inghata hafna opportunitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu".*

Illi din il-Qorti abbazi tal-provi prodotti u l-atti processwali ma tistax hlief tikkondividi dak konkluz mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu; anzi hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-allegazzjoni u l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta bl-ebda mod ma gew ippruvati; anzi jidher li l-istess socjeta' naqset li ggib l-ahjar prova u dan minkejja li din il-kawza ilha pendenti cirka 12-il sena.

Illi ghalhekk din il-Qorti fil-waqt li taddotta l-konsiderazzjoni u l-konkluzjonijiet tal-perit legali, tichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, u tilqa' t-talba attrici.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma fuq imsemmija ta' Lm853.50 (tmien mija u tlieta u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu) bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' spejjez u drittijiet in konnessjoni ma' attivitajiet promozzjonali, reklami u fornituri ohra fi zmien il-festi tal-Milied tal-1993 li saru fuq inikarigu u interess tas-socjeta' konvenuta kif hawn deciz.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Mejju 1994 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni attrici u bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Mejju 1994 sa l-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------